FONTANA

Minuti tas-sittax il-laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar l-Erbgħa, 28 ta` Ġunju 2006 fl-4.00 ta` wara nofsinhar.

| **Preżenti:** | **Membri** |
| --- | --- |
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi-Sindku | Is-Sur Victor Cefai |
| | Is-Sur Lorry Apap |
| | Is-Sur Anthony Cassar |
| | Is-Sinjura Maria Schembri |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Is-Sinjura Josianne Cassar |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet it-talba u qrat il-minuti ta` qabel li ġew approvati.

Korrispondenza

Dun George Bezzina, Kappillan tal-Fontana, bagħat korrispondenza lill-Kunsill dwar it-tisbiħ ta` Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali. Il-Kunsill ġie nfurmat li bħalissa qegħdin isiru xi riċerki dwar il-proprjeta' imsemmija f`relazzjoni mal-*Joint Office*. Qabel ma jkunu jafu r-riżultati finali ma tantx jinsabu f`qagħda li jistgħu jagħtu l-opinjoni dwar il-proposta tal-Kunsill.
Il-Kappillan bagħat ukoll korrispondenza dwar il-Festa ad unur tal-Qalb ta` Ġesu' fil-Fontana flimkien mal-programm tal-Festa fejn tniżżel illi ser issir FestaTfal kif ukoll li l-Kunsill ser jisponsorja l-banda *Victory* tax-Xagħra fid-dimostrazzjoni. Fid-dawl tal-*management letter* il-Kunsill qabel illi għal din is-sena ma jistax jagħti aktar donazzjonijiet.
L-*Entitlement Unit* fil-Ministeru tas-Saħħa bagħtet korrispondenza dwar l-*'European Health Insurance Card'*.
Il-Kumitat Nazzjonali għall-Bidla fl-Ewro talab lill-Kunsill sabiex jiġi nnominat Kunsillier li jkun ħolqa bejn il-Kumitat Nazzjonali għall-Bidla fl-Ewro u l-Kunsill. Is-Sindku aċċetta li jkun nnominat.
Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni B`Diżabilita bagħtet *'Accessibility Audit Report'* tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku. Il-Kummissjoni m`approvatx il-pjanti peress li mhux aċċessibbli.
L-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal bagħat korrispondenza dwar Kors fuq id-Drittijiet tat-Tfal u ż-Żgħażagħ.
Il-Perit Angelo Portelli mill-Ministeru għal Għawdex bagħat rapport lill-Kunsill dwar l-għeluq tal-lattrini pubbliċi u l-għassa peress li s-saqaf tagħhom ġie kkundannat. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dan sar wara li l-Pulizija fl-14 ta` Ġunju ġew biex jifthu dawn iż-żewġt ikmamar li jużaw fil-festa u sabu li parti mis-saqaf waqgħet. Il-Ministeru għal Għawdex ħa ħsieb li jsir il-*fencing* fil-*Playing Field* fejn parti minnu ġie magħluq biex ħadd ma jitla` fuqu. Peress li l-lattrini pubbliċi ġew magħluqa ndefinittivament għall-festa ġew ordnati żewġ *mobile toilets* għal dawk it-tlett ijiem. Il-kuntratt għat-tindif u manutenzjoni ta` latrini pubbliċi ser jiskadi fit-30 ta` Ġunju 2006, għaldaqstant il-Kunsill, peress li skond il-kuntratt ried jagħti avviż ta` 30 jum, qabel illi jħallas lil Jenise Grech għax-xahar ta` Ġunju.

It-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern fi ħdan id-Dipartiment ta` l-Artijiet bagħtet korrispondenza dwar ir-restawr ta` l-Għajn il-Kbira. Il-Kunsill ngħata permess biex iwettaq dan ix-xogħol b`diversi kundizzjonijiet fosthom illi meta jitlesta x-xogħol, il-Perit inkarigat irid jibgħat *statement* lill-Kummissarju ta` l-Artijiet fejn jiċċertifika li sar ix-xogħol kif suppost u sar taħt is-superviżjoni tal-Perit.

L-Awtorita' dwar it-Trasport ta` Malta approvat li jsir *single yellow line* fi Triq tal-Għajn quddiem Triq il-Qalb ta` Ġesu'. L-Awtorita' approvat ukoll bi prova għal xahar li jsiru *single yellow lines* ħdejn l-entratura` tal-garaxxijiet li hemm fi Triq l-Isptar San Ġiljan.

Is-Sur Noel Formosa, Rappreżentant Reġjonali bagħat korrispondenza dwar konferenza li ser issir fi Klaipeda fil-Lithuania.

L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bagħtet il-kuntratt ta` l-*e-ID* li ġie approvat fl-aħħar laqgħa tas-Sindki sabiex il-Kunsill ikun jista' jagħmel l-arranġamenti meħtieġa. Il-Kunsill qabel illi jiffirma dan il-kuntratt.

L-Awtorita' ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar talbet aktar informazzjoni dwar applikazzjonijiet pendenti li għandu l-Kunsill. Dawn huma ta` tindif ta` Wied ix-Xlendi, passaġġ fi Triq Wied Siekel u dwar ix-xogħol ta` tarf Triq Għajn Tuta li jwassal sa Wied il-Lunzjata. Jirriżulta li l-Perit John Saliba ma bagħatx l-informazzjoni mitluba. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Perit jingħata ċans gimgħa sabiex jissottometti l-informazzjoni mitluba u jekk ma jagħmilx dan il-Kunsill għandu jbiddel il-Perit. Il-Kunsill qabel.

L-Awtorita' ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bagħtet il-listi t`applikazzjonijiet ġodda għall-permess ta` żvilupp li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsill tal-Fontana.

L-Awtorita' ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bagħtet kopji t`avviżi t`infurzar f`sit magħruf bħala 'Tas-Saqwi', limiti tal-Fontana u fi Triq il-Qalb ta` Ġesu'.

L-Awtorita' ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bagħtet korrispondenza dwar l-antenna fit-Toroq John Gaspard Le Marchant u Kardinal Alessandro Franchi. Is-Segretarju tal-M.E.P.A. qal illi l-*Area Enforcement Officer* spezzjoni s-sit u nstab li l-antenna li hemm ma tirrekjedix permess.

Inqrat Ċirkulari AKL 26/2006 dwar Ringrazzjament mingħand Mons. Manwel Curmi.

Inqrat Ċirkulari AKL 27/2006 dwar *Student Placement Programme*.

Inqrat Ċirkulari AKL 28/2006 dwar Talba għal Ġemellaġġ ma` Mugnano del Cardinale.

Inqrat Ċirkulari AKL 29/2006 dwar Laqgħa għas-Sindki.

Inqrat Ċirkulari AKL 30/2006 dwar Laqgħa għas-Sindki.

Inqrat Ċirkulari AKL 31/2006 dwar Laqgħa għas-Sindki - Mistoqsijiet.

Inqrat Ċirkulari AKL 32/2006 dwar Laqgħa għas-Sindki - Mozzjonijiet.

Inqrat Ċirkulari AKL 33/2006 dwar Laqgħa għas-Sindki.

Inqrat Ċirkulari AKL 34/2006 dwar Laqgħa għas-Sindki – Aġenda u Programm.

Inqrat Ċirkulari AKL 35/2006 dwar Reati Permanenti/Kontinwati.

Inqrat Ċirkulari AKL 35/2006 dwar aħbar tal-mewt tas-Sur Kalċidon Agius, missier is-Sur Victor Agius, kunsillier fil-Kunsill Lokali tan-Naxxar.

Inqrat Ċirkulari AKL 36/2006 dwar Terremot Indonesja. Il-Kunsill aċċetta li joffri s-servizz ta` ġbir ta` provvisti fl-Uffiċċju.

Inqrat Memo 12/2006 dwar l-awditjar għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta` Marzu 2006.

Inqrat Memo 13/2006 dwar Mistoqsijiet Parlamentari Nr 18697/18734. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet dawn il-mistoqsijiet.

Inqrat Memo 14/2006 dwar Mistoqsijia Parlamentari Nru 18552.

Inqrat Memo 15/2006 dwar informazzjoni fuq il-kuntratti li kellhom il-Kunsill Lokali matul is-sena 2005. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet l-informazzjoni mitluba.

Kunsill Lokali - Fontana - Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Tal-Għajn Street
Fontana VCT 105
Tel.: 21558877 Fax.: 21562555

Inqrat Memo 16/2006 u 16A/2006 dwar il-permessi meħtieġa għat-twaqqif ta` xi posta jew kjosk.
Inqrat Memo 17/2006 dwar kompetizzjoni *'Malta Product Brand Champion Award'*.
Inqrat Memo 18/2006 dwar bdil ta` ismijiet ta` toroq u skemi ġodda tat-traffiku.

Mistoqsijiet

Ma kienx hemm mistoqsijiet f`din il-laqgħa.

*Financial Statements* għas-sena li għalqet fil-31 ta` Marzu 2006

Il-Kunsill approva unanimament il-*Financial Statements* għas-sena li għalqet fil-31 ta` Marzu 2006.

*Management Letter* għas-sena li għalqet fil-31 ta` Marzu 2006

Is-Segretarju Eżekuttiv għaddiet kopja tal-*Management Letter* għas-sena li għalqet fil-31 ta` Marzu 2006 lil kull membru tal-Kunsill. Is-Sindku għandu jwieġeb għall-punti mniżżla f`din l-ittra.

Il-Kuntratt tal-Ġbir ta` Skart Goff

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-kuntratt tal-ġbir ta` skart goff jiskadi fit-30 ta` Ġunju 2006. Il-Kunsill qabel unanimament illi għax-xhur ta` Lulju u Awissu jingħata dan ix-xogħol bħala *direct order* lid-Dipartiment ta` l-Indafa Pubblika sakemm tinħareġ l-offerta. Il-Kunsill qabel ukoll illi joħroġ din l-offerta għall-prezz ta` Lm10 u tkun tagħlaq f`12.00p.m. tal-21 t`Awissu 2006.

Għoti ta` l-Offerti

Għal din il-laqgħa ġew mistiedna l-kuntratturi kollha li tefgħu dawn l-offerti. Il-Kuntratturi attendew kollha minbarra dawk ta` *Green Skip Services Ltd.*

Għar-restawr ta` l-Għajn il-Kbira kien hemm offerta waħda. Din kienet ta` Mark Bajada għall-prezz ta` Lm1464. Il-Kunsillier Lorry Apap qal illi l-prezz huwa wieħed għoli. Dan ġie konfermat mis-Sindku fejn qal illi hemm *items* li huma esaġerati. Il-Kunsillier Lorry Apap staqsa lis-Sur Bajada jekk iridx jirrevedi l-prezz. Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment u s-Sur Bajada aċċetta. Is-Sindku stieden lill-membri sabiex imorru flimkien għand il-Perit John Saliba sabiex issir stima tax-xogħol. Sar qbil illi jmorru s-Sindku flimkien mal-Kunsillier Lorry Apap.

Kien hemm żewġ offerti għall-provvista u stallazzjoni ta` *safety mats* fil-*Playing Field* tal-Fontana. Dawn kienu ta` :

- *John G. Cassar* - Lm13.95 kull metru kwadru bi ħxuna ta` 45mm;
- *City Sport & Play Ltd.* - Lm15.50 kull metru kwadru bi ħxuna ta` 45mm.

*City Sport & Play Ltd.* ma kellux garanzija bankarja. Ir-rappreżentant ta` din il-kumpanija qal li sa elfejn lira ma kellux għalfejn jagħmel garanzija. Is-Sindku staqsa diversi mistoqsijiet lill-kuntratturi kif ukoll il-Kunsillier Lorry Apap għamel diversi mistoqsijiet tekniċi. Il-Kunsill wara diskussjoni twila mal-kuntratturi ddeċieda li jagħti l-offerta għall-provvista u stallazzjoni ta` *safety mats* fil-*Playing Field* lil John G. Cassar għall-prezz ta` Lm13.95 kull metru kwadru.

Kien hemm tliet offerti għall-provvista u stallazzjoni ta` *action play (play centre)* fil-*Playing Field*. Dawn kienu ta` :

- *John G. Cassar* - prezzijiet varji;
- *City Sport & Play Ltd.* - prezzijiet varji;
- *Green Skip Services Ltd.* - Lm1,200.

Il-Kunsill qabel illi din l-offerta taqa` minħabba l-problema li nqalgħet fis-saqaf tal-lattrini pubbliċi u l-għassa li ġew kundannati mill-Perit tal-Gvern.

Dwar l-apparat tal-logħob ġdid kemm John G. Cassar u *City Sport & Play Ltd.* offrew diversi prezzijiet lill-Kunsill dwar diversi *items*.

## Approvazzjoni ta` kontijiet

Il-kontijiet ta` hawn taħt ġew approvati:

| | | |
|---|---|---|
| *Peristyle Restaurant* | Lm | 36.00,0 |
| *Gozo Channel Co. Ltd.* | Lm | 10.00,0 |
| *M.E.P.A.* | Lm | 5.40,0 |
| *Maltacom p.l.c.* | Lm | 56.59,0 |
| *EuroTours Co. Ltd.* | Lm | 167.00,0 |
| Mro. Carmel P. Grech | Lm | 25.00,0 |
| *Koptaco Coaches* | Lm | 70.80,0 |
| *Public Cleansing Department* | Lm | 24.72,0 |
| *Said & Scicluna Associates* | Lm | 18.00,0 |
| *Gozo Express Services* | Lm | 4.43,0 |
| *WasteServ Malta Ltd.* | Lm | 123.19,0 |
| *EneMalta Corporation* | Lm | 100.00,0 |
| *George Farrugia & Sons* | Lm | 37.02,0 |
| *Galea Curmi Engineering Consultants* | Lm | 6.63,0 |
| Carmel Xerri | Lm | 250.00,0 |
| *Water Services Corporation* | Lm | 7.75,0 |
| *Water Services Corporation* | Lm | 5.04,0 |
| *Għasri Local Council* | Lm | 12.00,0 |
| Richard Cauchi | Lm | 32.44,0 |
| Jenise Grech | Lm | 83.70,0 |

| | |
|---|---|
| Victor Attard | Lm 123.81,0 |
| Anthony Mercieca | Lm 20.00,0 |
| Anthony Mercieca | Lm 614.25,0 |
| *Galea Curmi Engineering Consultants* | Lm 6.63,0 |
| *Grech`s Central Stores* | Lm 22.56,0 |
| *Alka Ceramics Ltd.* | Lm 40.12,0 |
| *M.I.T.T.S.* | Lm 205.00,0 |
| *Sound & Vision* | Lm 21.00,0 |
| *Gozo Channel Co. Ltd.* | Lm 13.50,0 |
| *Stencil Pave Limited* | Lm 117.53,0 |
| *Rapa Showrooms Co. Ltd.* | Lm 11.93,0 |
| Johanna Caruana | Lm 100.00,0 |
| *Public Cleansing Department* | Lm 8.25,0 |
| *OS3* | Lm 49.56,0 |
| *Ray`s Catering Service* | Lm 91.45,0 |
| *WasteServ Malta Ltd.* | Lm 127.30,0 |
| Michael Bugeja | Lm 180.00,0 |
| *Cordina Photo Market* | Lm 16.20,0 |
| *Al Capone Bar & Restaurant* | Lm 46.25,0 |
| Jenise Grech | Lm 83.24,0 |
| Anthony Mercieca | Lm 546.00,0 |
| Anthony Mercieca | Lm 20.00,0 |
| Victor Attard | Lm 128.81,0 |
| Emmanuel Caruana | Lm 50.00,0 |
| George Sacco | Lm 365.00,0 |
| *Maltacom p.l.c.* | Lm 66.41,0 |
| *Director of Information* | Lm 4.00,0 |
| *Cassar Pet & Hobby* | Lm 32.73,0 |
| Total | Lm4187.24,0 |

L-iskeda ta` pagamenti Nru. 13/2005 ġiet approvata.

<u>Materji oħra</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-kuntratt tal-Ġbir ta` Skart Domestiku u Kummerċjali jagħlaq fl-aħħar t`Awissu. Il-Kunsill qabel unanimament illi jġedded dan il-kuntratt għal sena li jibda mill-1 ta` Settembru 2006 sa l-aħħar t`Awissu 2007.

Il-Kunsill qabel ukoll illi jagħti *direct order* għal xi żmien ieħor lil Victor Attard sabiex isir il-knis tat-toroq sakemm il-ħaddiema li għandu l-Kunsill ilestu mill-*maintenance* tal-bankini f`diversi toroq, għoti ta` *sealer* u xogħol ieħor. Dan b`effett mill-1 ta` Lulju. Il-Kunsill qabel illi jħallas Lm123.81,0 fix-xahar, kif inhu llum.

Is-Segretarju Eżekuttiv attendiet kors dwar il-*Customer Care* li sar fit-13 ta` Ġunju 2006 fl-*NGO Centre* fix-Xewkija.

Is-Sur Emmanuel Debono nforma lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv illi tilef furmatur waqt li kien qed jagħmel xogħol tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel illi jinxtara furmatur u mil-llum

Kunsill Lokali - Fontana - Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Tal-Għajn Street
Fontana VCT 105
Tel.: 21558877 Fax.: 21562555

il-quddiem il-ħaddiema għandhom ikunu responsabbli huma mill-għodda tagħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi ġiet ikkuntattjata minn Margaret Magrin tal-*G.W.U.* dwar l-ilbies protettiv għall-ħaddiema tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel illi jinxtraw *safety shoes* u tagħmir ieħor protettiv għall-ħaddiema.

Is-Segretarju Eżekuttiv attendiet ukoll għal seminar li sar ġewwa l-*Farm* tal-Gvern fix-Xewkija bis-suġġett 'Esperjenzi tal-Libreriji Pubbliċi f'Għawdex'. Dan is-seminar sar nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Ġunju 2006.

Il-Kunsillier Anthony Cassar issuġġerixxa li tinxtara *fan* sabiex tkun tista tintuża fil-kamra fejn issir il-laqgħa. Il-Kunsill qabel.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret il-bankina kif mitluba quddiem *'Fontanella Gardens'* fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili mill-iżviluppaturi.

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-*quarterly report* għall-perjodu Jannar-Marzu 2006.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li attenda għall-laqgħa tas-Sindki Għawdxin li saret fil-Kunsill Lokali t'Għajnsielem fejn ġiet approvata mozzjoni sabiex Għawdex jibqa' distrett wieħed.

Attenda wkoll għall-laqgħa tas-Sindki ta' Malta u Għawdex li saret fis-26 u 27 ta' Mejju fil-Lukanda *Calypso* f'Marsalforn Għawdex.

Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li l-kunċert li kellu jsir fil-Knisja Parrokkjali tagħna mill-kor Amerikan *'The Gospel Voices'* tħassar u sar fil-Pjazza tal-Katidral. Dan għar-raġuni li ħarġet direttiva mill-Kurja ta' l-Isqof li tgħid li waqt li jkun hemm xi attivita fuq bażi djoċesana fil-Katidral ma jistgħux isiru attivitajiet fil-Parroċċi. Dakinhar fil-Katidral kien hemm velja ta' talb fl-okkażjoni tal-Pentekoste.

Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li twaħħlu s-sitt fanali fi Trejqet ix-Xagħri u Trejqet Wara l-Idjar mill-ħaddiema tal-Kunsill u saret it-talba biex jingħataw id-dawl.

F'żewġ okkażjonijiet is-Sindku flimkien ma Alvin Scicluna ta' *Citadel Video Communications* inġibdu diversi partijiet tad-*D.V.D.* dwar il-Fontana, fosthom xogħol tal-bidwi Toni Bajada jaħdem ir-raba saqwi, Marinton Borg taħsel il-ħwejjeġ fl-Għajn il-Kbira, Lieni u Toni Cardona xogħol ta' bizzilla u purtieri tal-qasab, Ċikku Cordina xogħol fuq in-nases tal-qasab, ħaddiema tal-*Fontana Cottage Industry* bizzilla u newl, il-Knisja u t-toroq tal-Fontana mżejna għall-okkażjoni tal-Festa u diversi veduti tal-Fontana.

Dwar il-ħarġa għal Sqallija hemm 44 persuna u ser issir il-Ħamis, 6 ta' Lulju.

Saret il-ħarġa għall-anzjani f'Malta fl-1 ta' Ġunju fejn kellna quddiesa fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġużepp f'Ħal Għaxaq, żorna wkoll il-Belt Valletta u wara l-Kunsill offra kafe' u *snack* lil dawk preżenti f'*restaurant 'Peristyle'* ir-Rabat Malta, fejn rappreżentanti tal-*Europe Direct* taw taħdita lill-anzjani, imbgħad iż-żjara f'Malta ntemmet f'*Dr. Adrian Garden Centre* fin-Nigret ir-Rabat. Attendew 38 persuna fosthom is-Sindku, il-Viċi-Sindku, l-Kunsilliera Maria Schembri flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku attenda wkoll laqgħa tal-Kumitat Konġunt dwar il-bozoz fil-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ. Laqgħa oħra li attenda kienet dwar il-Kumitat Konġunt dwar l-infurzar lokali fejn ġie suġġerit li mill-fondi li għandu dan il-Kumitat ssir kampanja t'edukazzjoni dwar l-infurzar lokali. Ser jieħu sehem ukoll il-kuntrattur tal-gwardjani u l-uffiċċjal awtorizzat.

Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li l-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma fuq talba tal-Kunsill li kienet ilha pendenti rranġat it-tappiera tad-drenaġġ quddiem id-dar 225 fi Triq tal-Għajn billi nbniet mill-ġdid.

Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li flimkien mal-Kunsillier Anthony Cassar ħadu sehem fit-tberik taż-żwiemel li sar fil-11 ta' Ġunju fl-okkażjoni tal-Festa Titulari fejn qassmu t-trofej lil dawk li ħadu sehem. Biex sar it-tindif wara din l-okkażjoni ġie mqabbad Victor Attard għall-ħlas ta' ħames liri.

Is-Sindku, l-Viċi-Sindku, l-Kunsilliera Maria Schembri flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew għal FestaTfal li ġiet organizzata flimkien mal-Parroċċa. Kien hemm grupp ta'

żeffiena żgħar min-Nadur, kantanti mill-Fontana u minn barra r-raħal, kif ukoll *magician*. Fl-aħħar tas-serata s-Sindku ppreżenta rigal lit-tfal kollha li kienu preżenti.
Fl-okkażjoni tal-Festa sar bukkett għal quddiem l-istatwa tal-Qalb ta` Ġesu' kif ukoll għall-Pontifikal ta` lejliet il-Festa attendew is-Sindku u l-Viċi-Sindku u dak ta` Jum il-Festa s-Sindku, l-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Anthony Cassar. Wara nofsinhar saru t-tiġrijiet tal-bhejjem fejn minn 30 korsa saru 26. Dawn saru fi Triq Santa Dminka u ġibdu pubbliku numeruż. Wara s-Sindku u l-Kunsillier Anthony Cassar qassmu t-trofej lir-rebbieħa.
Għall-ewwel darba fl-okkażjoni tal-Festa sar it-tqassim tal-ikla offruta mill-Kunsill lil dawk l-anzjani li jgħixu waħedhom. Tqassmu 25 ikla minn *Ray`s Catering Service* flimkien mas-Sindku. Dan il-ġest ġie apprezzat ħafna mill-anzjani.
Saret ukoll it-tieni ħarġa tal-fuljett "Tagħrif mill-Kunsill Tiegħek" li tqassam f`kull dar tal-Fontana.
Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li ġie mgħarraf mill-Avukat Chris Said li dwar il-bini tal-ħajt tas-sejjieħ fi Triq ix-Xlendi l-kuntrattur Pius Attard lest li jiltaqa' mal-Kunsill.
Dwar xogħol ta` manutenzjoni mill-ħaddiema tal-Kunsill tkompla jsir kull fejn kien hemm bżonn u ngħata wkoll is-*sealer* fi Sqaq Bieb il-Għajn u beda jingħata ukoll taħt ir-*railing* l-isfel mill-Knisja. Qed issir ukoll it-tisqija tal-qsari kull fejn għandna u jsir ukoll xogħol ta` tisqija u kull ma jkun hemm bżonn fil-*Playing Field* anke fi tħawwil ta` fjuri ta` l-istaġun.
Fil-Festa giet imkissra s-*seesaw* li hemm fil-*Playing Field* u ngħata n-nar lill-wieħed mill-*container* tal-*bring-in-sites*.
Is-Sindku qal ukoll li jkun xieraq li tinkiteb ittra ta` ringrazzjament lis-Sur Henry Cefai li huwa responsabbli mill-Indafa Pubblika tal-koperazzjoni tiegħu kull meta tintalab l-għajnuna speċjalment fl-okkażjoni tal-Festa Titulari. Il-Kunsill qabel.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-Festa filgħaxija tilef il-*badge* ż-żgħira. Issa trid tinxtara oħra. Il-Kunsill qabel.
Saret ukoll il-ħarġa għal kulħadd fit-28 ta` Ġunju fin-Nadur fejn kienet qed tiġi ċċelebrata l-Festa ta` l-Imnarja. F`dan in-nofstanhar żorna l-Bażilika ta` San Pietru Pawl fejn attendejna għall-quddiesa, it-torri ta` Kenuna u dawk preżenti ngħataw kafe` u *snack* mill-Kunsill. Waqt dan il-ħin Dr. Mario Saliba għamel taħdita lil dawk preżenti dwar is-saħħa nġenerali. Attendew 35 persuna fosthom s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.
Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li tlesta x-xogħol tad-dawl tax-xelter mis-Sur Michael Bugeja.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta` filgħaxija u ġiet aġġornata għall-kontinwazzjoni tagħha għal nhar it-Tnejn, 31 ta` Lulju 2006 fl-4.00 ta` wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| Josianne Cassar | Saviour Borg |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |